MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 72/2008

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 28 t'Ottubru, 2008**

**Talba Nru: 72/08 PBC**

**Go p.l.c.– C 22334**

**Vs**

**Robert Zammit I.D. 335768(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin euro u tmienja u sittin centezmu (€525.68) ekwivalenti ghall-valuta antika ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm225.67c) liema ammont huwa dovut lis-socjetà attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21386810 (AT 3776/89, AC 10125756) skond diversi kontijiet mibghuta lilu u skond id-dokumenti annessi mal-Avviz.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin euro u tmienja u sittin centezmu (€525.68) - (Lm255.67c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------